MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 450/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Dennis Theuma)**
**Vs**
**Angelo Abela**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’Misrah San Gakbu, u fi bnadi ohra f’Haz-Zabbar, nhar is-Sibt, 31 ta’ Lulju, 2004, ghall-habta ta’ nofsinhar:

1. Ingurja, hedded, u ghamel offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Local Warden G 224 Joseph Gauci Borda li huwa persuna nkarigata skond il- Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz bil-hsieb li jbezzghu, jew li jinfluwixxi fuqu kontra l- Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz, u dan skond ma ccertifikat Dr Susan Mallia MD mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid;

2. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-istess Local Warden G 224 Joseph Gauci Borda, persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti;

3. volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fil-computer ta' l-istess warden ghad-dannu tal-Guard and Warden Service House Limited ta' l-Imsida, liema hsara tammonta ghal madwar elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500.00);

4. gera bil-qawwi fit-triqat jew fil-pjazez, b'periklu li jahbat ma' xi hadd u jwegghu;

5. kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Novembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 95, 96, 325 u 338 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu b'dan illi t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel wahda, w ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur, pero' lliberatu mir-raba' imputazzjoni in kwantu ma rrizultatx.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta' Dicembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja ossia tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu hati w tikkonferma l-htija fl-ewwel, it-tieni akkuza hija assorbita fl-ewwel akkuza, t-tielet u l-hames akkuzi w tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitux hati jigifieri ghar-raba' akkuza pero' tvarja dik il-parti tas-sentenza fuq il-piena w tikkundanna lill-appellant ghal piena li ma ggorx prigunerija billi tnaqqas il-piena li ma jimmeritax habs ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, jikkonsisti fis-segwenti :-
Illi filwaqt li l-appellant mhuwiex qieghed jikkontesta l-fatti w qieghed jammetti t-tort kif ukoll jaccetta kif graw l-affarijiet u jaccetta l-htija, qieghed jikkontesta l-piena nflitta fuqu. Il-piena ta’ sitt xhur habs hija piena kemm xejn harxa meta tqis il-gravita’ o meno tal-incident. Il-warden sofra griehi ta’ natura hafifa rizultat ta’ imbottatura w dan gara wara li habibt l-appellant (partner) cemplet lill-appellant ghall-ghajnuna ghax hasset li kienet qeghda tigi mizmuma kontra l-volonta’ taghha. Fil-fatt fix-xhieda stess tal-Warden ammetta li kienet ilha hemmhekk ghal aktar minn kwarta w fil-fatt meta wasal l-appellant kienu ghadhom jikkostinjaw meta xoghol il-warden huwa li kemm jista’ jkun imewwet sitwazzjoni w mhux jitfa’ n-nar u dan wara li l-incident kollu beda ghax ma kienitx liebsa seat belt.
Illi di piu l-appellant jissottometti illi l-piena hija ezagerata w ghandha tigi mnaqqsa.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell hu limitat ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti w, kif dejjem gie ritenut, din il-Qorti, bhala Qorti ta’ revizjoni, normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena, sakemm dik il-piena ma tkunx tezorbita mill-parametri tal-ligi jew ma tkunx manifestament wahda esagerata. (Ara. “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella**” [14.6.1999], “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**” [24.4.2003] u ohrajn).

Illi l-piena ghar-reat ta’ attakk u rezistenza fuq persuna inkarikata minn servizz pubbliku taht it-tieni imputazzjoni

skond l-artikolu 96 (1) tal-Kodici Kriminali hija dik ta' prigunerija minn erba xhur sa sena . Inoltre l-piena ghar-reat ta' hsara volontarja skond it-tielet imputazzjoni, meta l-hsara tkun teccedi l-valur ta' Ewro 1164.49 skond l-artikolu 325 (1) (a) tal-istess Kodici,  hija dik ta' prigunerija minn tlettax il-xahar sa erba snin. U, jekk wiehed iqis il-hsara li taqa' taht l-artikolu 325 (1) (b), il-piena tkun wahda ta' minn hames xhur sa sena prigunerija. Il-piena ghall-ewwel imputazzjoni ta' theddid u ingurji tkun assorbita fil-piena taht it-tieni imputazzjoni.Ghalhekk bir-regoli tal-konkors tar-reati w pieni skond l-artikolu 17 (b) tal-Kodici Kriminali, l-appellant seta' addirittura gie kundannat ghall-piena karcerarja ta'  erba snin u sitt xhur prigunerija in pessima ipotesi w ghal wahda ta' sena w erba xhur jekk id-danni jitqiesu li kienu jaqghu taht l-artikolu 325 (1) (b). Kwindi ma jistax l-appellant jilmenta li l-piena tohrog mill-parametri tal-Ligi. Anzi addirittura l-piena li nghatat tista' anki tkun addirittura inqas mill-minimum preskritt mill-ligi li jkun ta' sitt xhur u ghaxart ijiem.

Illi din il-Qorti diga' kellha okkazzjoni li ttenni li vjolenza uzata fuq il-forzi tal-ordni sija jekk ikunu membri tal-Korp tal-Pulizija , sija jekk ikunu wardens jew persuni ohra inkarigati minn servizz pubbliku ghandha tigi punita b' piena restrittiva tal-liberta'.
Dan ghaliex kif irriteniet din il-Qorti diversi d-drabi:-
*"Reati ta' vjolenza attiva fil-konfront tal-persuni inkarikati minn servizz pubbliku kull ma jmorru qed jizdiedu w jsiru ferm spissi w l-Qrati ghandhom id-dmir, fejn ikun il-kaz, li jaghtu il-protezzjoni xierqa lill-forzi tal-ordni fejn dawn ikunu qed jagixxu entro il-poteri lilhom moghtija fl-esekuzzjoni tal-ligi w ma jistghux jittrattaw dawn il-kazijiet b' leggerezza w jikkondonaw  dak li ma ghandux jigi kondonat b' pieni irrizorji."* (ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Anthony Roderick Farrugia"** [26.4.2007] u ohrajn)

F'dan il-kaz il-forza attiva li intuzat mill-appellant kiesah u biered - u dana kollu ghax il-warden G261 Joseph Gauci Borda kien qed johrog il-kontravvenzjoni fuq il-computer biex iharrek lil martu w din ghamlet hafna storbju w ghajjat u ma riedetx twarrab il-car taghha minn-nofs kif kien ordnalha l-warden - kienet tikkonsisti fil-fatt li hu gie minn

wara l-warden u, bla kliem u bla sliem, imbuttah b' mod li l-warden habat ma koxxa tal-bieb u l-*computer* waqa' minn idejh. Kellhom jigu n-nies li sadattant kienu ngemghu biex jigbdu lil-warden u lill-appellant biex l-appellant ma jergax imur ghall-warden. Umbaghad l-appellant rikeb fil-karozza u telaq. Ghalhekk dan kien attakk bla pretest u bla provokazzjoni kwalsiasi. Bhala rizultat tal-imbottatura l-Warden sofra feriti ta' natura hafifa skond kif iccertifikat u xehdet Dr. Susan Mallia M.D. u l-computer tat-tip Husky garrab hsara li tiswa bejn LM450 u LM550.

Illi mill-fedina penali aggornata tal-appellant jirrizulta li hu s' issa, apparti kundanna wahda ghal reat kontravvenzjonali, kellu ukoll kundanna ohra ghal delitti ta' sewqan ta' vettura meta ma kellux il-kontroll taghha minnhabba xorb jew drogi, bla licenzja u wara li kien ikkonsma tant alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs , fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt. Ghalkemm ma giex akkuzat formalment bl-addebitu tar-recidiva, fil-fatt hu recidiv skond l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali ghax ir-reati in dizamina gew kommessi entro l-periodu ta' hames snin minn din l-ahhar sentenza li ggib id-data tat-22 ta' Gunju, 2000.

Ghalhekk din il-Qorti ma tara li hemm ebda lok ghal xi riduzzjoni fil-piena.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata, hlief li qed jigi dikjarat li hija l-ewwel imputazzjoni li ghall-fini tal-piena qed tigi assorbita fit-tieni imputazzjoni w mhux vice versa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------